II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1446

tat-12 ta' Lulju 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, calcium carbide, cymoxanil, dodemorph, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, flonicamid (IKI-220), gibberellic acid, gibberellins, alosulfuron-metil, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, maltodestrina, metamitron, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, piretrini, sulcotrione, tebuconazole u urea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, calcium carbide, cymoxanil, dodemorph, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, flonicamid (IKI-220), gibberellic acid, gibberellins, alosulfuron-metil, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, maltodestrina, metamitron, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, piretrini, sulcotrione, tebuconazole u urea huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ([3]) jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011. Is-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 ([4]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, calcium carbide, cymoxanil, dodemorph, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metamitron, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, piretrini, sulcotrione, tebuconazole u urea sal-31 ta' Awwissu 2023.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 ([5]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva flonicamid (IKI-220) sal-31 ta' Awwissu 2023.

(5) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva alosulfuron-metil se tiskadi fit-30 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 356/2013 ([6]).

(6) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva maltodestrina se tiskadi fit-30 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2013 ([7]).

(7) L-applikazzjonijiet u d-dossiers supplimentari għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi tressqu f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([8]), li jkompli japplika għal dawn is-sustanzi attivi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([9]). Dawn ġew iddikjarati ammissibbli mill-Istati Membri relaturi rispettivi.

(8) Għas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aluminium phosphide, calcium carbide, dodemorph, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, flonicamid (IKI-220), sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, maltodestrina, metamitron, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, sulcotrione, tebuconazole u urea, il-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 għadha ma ġietx iffinalizzata mill-Istati Membri relaturi rispettivi.

(9) Għas-sustanzi attivi alosulfuron-metil, hydrolysed proteins u piretrini, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") se jkollha bżonn aktar żmien biex tadotta konklużjoni u fejn xieraq torganizza konsultazzjoni mal-esperti. Barra minn hekk, huwa meħtieġ żmien addizzjonali biex tiġi adottata d-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aclonifen, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, calcium carbide, captan, cymoxanil, dimethomorph, dodemorph, ethephon, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi ta' distilazzjoni tax-xaħam, aċidi xaħmin C7 sa C20, fluoxastrobin, flurochloridone, folpet, formetanate gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metam, metamitron, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, piretrini, ir-ramel kwarz, żejt tal-ħut, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, sulcotrione, tebuconazole u urea (ĠU L 133, 10.5.2022, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 tat-13 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi flonicamid (IKI-220), metalassil, penoxsulam u proquinazid (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 51).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 356/2013 tat-18 ta' April 2013 li japprova s-sustanza attiva alosulfuron metil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 18).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2013 tat-18 ta' April 2013 li japprova s-sustanza attiva maltodestrina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 14).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

(10) Fil-każ tas-sustanza attiva cymoxanil, informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal- Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 intalbet mill-Awtorità skont l-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, bi skadenza fis-17 ta' Ġunju 2024.

(11) Fil-każ tas-sustanzi attivi gibberellic acid u gibberellins, informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, intalbet mill-Awtorità skont l-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 u tressqet mill-applikanti sal-iskadenza mogħtija. Madankollu, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għall-evalwazzjoni tagħha u biex tiġi adottata l-konklużjoni relatata kif ukoll id-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta.

(12) Għas-sustanzi attivi sulfat tal-ammonju tal-aluminju, silikat tal-aluminju u residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha. Il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet dwar dawk is-sustanzi attivi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

(13) Fir-rigward tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi aċidi grassi C7 sa C20 (b'mod partikolari, l-aċidu pelargoniku) u ż-żjut tal-pjanti/iż-żejt tal-kolza, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport tat-tiġdid u abbozz ta' Regolament li jġedded l-approvazzjoni tagħhom lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Sakemm tingħata l-opinjoni ta' dan il-Kumitat dwar l-abbozz ta' Regolamenti, huwa meħtieġ żmien addizzjonali biex tiġi adottata d-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta.

(14) Peress li aktarx li l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi mhi se tkun tista' tittieħed qabel l-iskadenza tal-perjodi tal-approvazzjoni rispettivi tagħhom fil-31 ta' Awwissu 2023 u fit-30 ta' Settembru 2023, u minħabba li r-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri tat-tiġdid mhumiex fil-kontroll tal-applikanti rispettivi, jenħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jitlestew il-valutazzjonijiet meħtieġa u sabiex jiġu ffinalizzati l-proċeduri regolatorji tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet rispettivi għat-tiġdid tal-approvazzjoni.

(15) Billi l-valutazzjoni tar-riskju għadha ma ġietx iffinalizzata mill-Istati Membri relaturi rispettivi, u fid-dawl taż-żmien li fadal meħtieġ biex titlesta kull proċedura ta' tiġdid rispettiva, it-tul tal-estensjoni għas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aluminium phosphide, calcium carbide, dodemorph, ethylene, flonicamid (IKI-220), sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metamitron, sulcotrione u urea jenħtieġ li jkun ta' disgħa u tletin xahar, għas-sustanzi attivi estratt mis-siġra tat-te, maltodestrina, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol u żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ jenħtieġ li jiġi stabbilit għal disgħa u għoxrin xahar, u għas-sustanza attiva tebuconazole jenħtieġ li jiġi stabbilit għal ħamsa u tletin xahar u nofs.

(16) Billi l-Awtorità teħtieġ żmien addizzjonali biex tadotta konklużjoni u, fejn xieraq, biex torganizza konsultazzjoni mal-esperti, it-tul tal-estensjoni għas-sustanzi attivi hydrolysed proteins u piretrini jenħtieġ li jkun ta' dsatax-il xahar u nofs u ta' tlieta u tletin xahar u nofs, rispettivament. B'mod partikolari, meta l-Awtorità talbet informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-tul tal-estensjoni għas-sustanza attiva cymoxanil huwa stabbilit għal ħamsa u tletin xahar u nofs, u meta jitqies li jkun meħtieġ żmien addizzjonali għall-evalwazzjoni tagħha, it-tul tal-estensjoni għas-sustanzi attivi gibberellic acid u gibberellins jenħtieġ li jiġi stabbilit għal tnejn u għoxrin xahar u nofs.

(17) Skont il-punt 3.6.4 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, sustanza attiva għandha tiġi approvata biss jekk mhijiex jew ma għandhiex tiġi kklassifikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) bħala tossika għar-riproduzzjoni kategorija 1B, sakemm l-esponiment tal-bnedmin għal dik is-sustanza fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fil-kundizzjonijiet tal-użu realistiċi proposti ma jkunx negliġibbli. Kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-valutazzjoni tas-sustanza attiva għandha l-ewwel tistabbilixxi jekk il-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fil-punti 3.6.2 sa 3.6.4 u 3.7 tal-Anness II humiex issodisfati. Fid-dawl tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 ([11]), li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li jikklassifika l-alosulfuron-metil bħala tossiku għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B, it-tul tal-estensjoni għas-sustanza attiva jenħtieġ li jiġi stabbilit għal tmintax-il xahar.

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([11]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 tal-4 ta' Ottubru 2019 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU L 44, 18.2.2020, p. 1).

(18) Peress li għadha pendenti l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, it-tul tal-estensjoni għas-sustanzi attivi sulfat tal-ammonju tal-aluminju, silikat tal-aluminju, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20 u żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza jenħtieġ li jkun stabbilit għal ħmistax-il xahar u nofs.

(19) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(20) F'każ li l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data tal-iskadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament, jew id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Rigward każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tara li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 218, Aċidu aċetiku, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 219, Sulfat tal-ammonju tal-aluminju, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Diċembru 2024";

(3) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 220, Silikat tal-aluminju, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Diċembru 2024";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 223, Calcium carbide, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 227, Ethylene, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(6) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 228, Estratt mis-siġra tat-te, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Jannar 2026";

(7) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 229, Residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Diċembru 2024";

(8) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 230, Aċidi grassi C7 sa C20, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Diċembru 2024";

(9) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 232, Gibberellic acid, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Lulju 2025";

(10) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 233, Gibberellins, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Lulju 2025";

(11) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 234, Hydrolysed proteins, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' April 2025";

(12) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 235, Sulfat tal-ħadid, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(13) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 241, Żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Jannar 2026";

(14) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 242, Żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Diċembru 2024";

(15) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 243, Żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħniegħ, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Jannar 2026";

(16) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 246, Piretrini, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Ġunju 2026";

(17) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 257, Urea, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(18) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 260, Aluminium phosphide, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(19) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 262, Magnesium phosphide, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(20) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 263, Cymoxanil, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Awwissu 2026";

(21) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 264, Dodemorph, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(22) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 265, 2,5-Dichlorobenzoic acid methylester, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(23) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 266, Metamitron, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(24) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 267, Sulcotrione, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

(25) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 268, Tebuconazole, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Awwissu 2026";

(26) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 305, Flonicamid (IKI-220), id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2026";

2. Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 35, Alosulfuron-metil, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Marzu 2025";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 44, Maltodestrina, id-data hija sostitwita bit-"28 ta' Frar 2026".